# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 1 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 41/00**

**Numru 25**

**Muscats Motors Limited**

**vs**

**Edgar Apap**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u zewg liri Maltin u tmienja u hamsin centezmi (Lm602.58), rapprezentanti flus li l-konvenut gabar jew kien obbligat li jigbor minghand diversi hwienet meta kien impjegat bhala Salesman mas-socjeta' attrici, u dan kif anke jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati "A1" sa "A 19", liema flus il-konvenut kien fid-dover li jghaddi lill-istess socjeta immedjatament.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali datata 16 ta' April 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi minn fol 2 sa fol 20 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-23 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm602.58,0 bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' April 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' April 1995.

Alan Calleja
Deputat Registratur